2 ta' Ġunju, 1951

Imħallef :

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Il-Pulizija *versus* Carmelo Attard**

**Responsabilità Kriminali — Delitt — Kontravvenzjoni — Sewqan ta' Karrozza minn min ma għandux Liċenza — Art. 14 (c) tal-Kap. 105 u Art. 25 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Kull sid ta' motor car li jġiegħel, iħalli jew jippermetti li l-motor car tiegħu tinsaq minn persuna li ma jkollhiex liċenza tas-sewqan, huwa ħati ta' reat kontra l-Liġi li tirregola t-Traffiku.*

*Din il-ħtija hija delitt, u mhux kontravvenzjoni; u għalhekk ħadd il-karrozza ma jirrispondix għal dik il-ħtija jekk il-karrozza tiegħu tiġi misjuqa minn persuna li ma għandhiex liċenza tas-sewqan, mingħajr ma huwa kien jaf li l-karrozza ġiet misjuqa minn dik il-persuna.*

*Lanqas jirrispondi għal dik il-ħtija sid il-karrozza taħt id-dispożizzjoni tal-liġi li titfa' r-responsabilità fuq it-titolari ta' liċenza għall-ħtijiet kommessi mill-impjegati jew subalterni tiegħu; għax dik id-dispożizzjoni hija applikabili għall-kontravvenzjonijiet u mhux għad-delitti.*

Il-Qorti — Fuq l-akkuża miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat talli tas-Sliema, fit-3 ta' Frar 1951, għal xi l-5.30 p.m., ippermetta lil Michael Attard isuq il-motor car tiegħu no. 10558 mingħajr ma kellu liċenza tas-sewqan mill-Pulizija, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tas-16 ta' Marzu 1951, wara li rat l-art. 37 G.N. 24/48, Ord. X ta' l-1931, u art. 25 Liġ. Krim., sabet lill-imputat ħati u kkundannatu £2. 10. 0 multa;

L-imputat appella minn dik is-sentenza;

Il-Qorti semgħet mill-ġdid il-provi, rat l-attijiet tal-kawża, u semgħet l-avukati;

Irriżulta li l-imputat għandu garage bil-karrozzi tal-kiri, u fit-3 ta' Frar li għadda bagħat lil ħuh Michael biex jaħsillu karrozza. Huħ ħareġ isuq dik il-karrozza, kellu kolliżjoni, u nqabad li liċenza ma kellux;

Skond l-art. 14 (c) tal-Kap. 105 tal-Liġijiet ta' Malta, ikun ħati ta' reat kull sid ta' motor car li jġiegħel, iħalli jew jippermetti, li l-motor car tiegħu tinsaq minn persuna li ma jkollhiex il-liċenza meħtieġa biex issuq motor car. Fil-każ in

eżami rriżulta li l-imputat ma kien jaf b'xejn, u la ġiegħel, la ħalla, u lanqas ippermetta lil ħuh isuq il-karrozza;

L-Ewwel Qorti sabet lill-imputat ħati in kwantu applikat l-art. 25 tal-Kodiċi Kriminali, peress li ħu l-imputat kien impjegat ma' l-imputat fil-garage. Iżda l-art. 25 fuq imsemmi huwa applikabili għall-kontravvenzjonijiet biss, fil-waqt li r-reat kontemplat fl-art. 14 (c) tal-Kap. 105 huwa delitt. Mill-banda l-oħra, ir-regolament 58 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi tal-Mutur jikkontempla karrozzi mħollija fit-triq, u mhux f'garage;

Għaldaqstant, il-fatt biss li l-imputat ħalla ċ-ċavetta tal-makna tal-motor car fil-garage fejn kienet il-motor car ma jirrendiehx ħati ta' ksur tal-liġi, meta ħu l-imputat, bil-moħbi ta' l-imputat u bla kunsens espress jew preżunt, anzi kontra r-rieda ta' l-imputat, għamel użu mill-karrozza. Jista' jkun hemm responsabilità ċivili biss;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-imputat, tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-imputat.